**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 59**

10 ta' Jannar 2023

Id-disa' u ħamsin (59) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2023 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Sindku |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat — Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

59.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

59.1.1. Ma kien hemm l-ebda ittri ta' apoloġiji.

59.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

59.2.1. Is-Sindku VB ressaq il-minuti tat-tmienja u ħamsin (58) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

59.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 3 (JAE, JP, VB)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 1 (SSH)

59.2.3. Il-Kunsilliera SSH informat li kienet qed tastjeni minħabba li ma kienitx preżenti.

59.2.4. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward it-tabelli tan-no entry fi Triq San Franġisk. Is-Sindku qal li diġà kien hemm xi tabelli, biss wieħed irid jara fejn se jwaħħal it-tabelli l-ġodda.

59.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.2.5 rigward it-tabelli tal-wet food. Is-SE informa li sa dakinhar kienu għadhom ma waslux.

59.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.2.6 rigward il-kaptelli tat-Telgħa tal-Kurċifiss. Is-SE informa li sa dakinhar il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda korrispondenza dwar dan. Għalhekk il-Kunsillier JAE talab li l-Kunsill jibgħat tfakkira.

59.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.2.7 rigward iż-żabra tas-siġar. Is-Sindku qal li kien informat li kien il-Kunsill li jrid jieħu ħsieb din iż-żabra biss ser jipprova jkellem lil Parks Malta sabiex jara jekk jistax jintlaħaq xi ftehim bejnhom u bejn il-Kunsill fir-rigward taż-żabra tas-siġar.

59.2.7.1. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jħallas lill-Ambjent Malta sabiex joffru dan is-servizz. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li kollox jiddependi fuq ir-rati li jkunu offruti.

59.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.3.3.1 u staqsa jekk kienux inġibdu filmati tal-ġibjun. Is-Sindku qal li ma kienx informat jekk inġibdux il-filmati, imma suppost

kellhom jiġbdu xi materjal. Is-Sindku nforma li l-persuna kienet ippubblikat ktieb li kien fih xi ritratti.

59.2.8.1. Il-Kunsillier JAE informa li sa dakinhar kien għad m'hemmx sinjali li jindikaw li hemm xogħol għaddej, u jibża' li jista' jiġi kkawżat xi inċident. Is-SE qal li hu kien informah b'dan u qal li għandu jerġa' jfakkru.

59.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 58.4.3 rigward ix-xogħol fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u jekk hemm indikazzjoni meta ser jibda'. Is-Sindku wieġeb li jinsab informat li x-xogħol fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u fi Triq il-Konservatorju se jibda' fix-xahar ta' Jannar.

59.2.9.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm risposta dwar il-proposta li l-culverts u l-ispralli fi Pjazza Sir Luigi Preziosi jingħaqdu. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien informahom b'din il-proposta u tkellem magħhom u nformaw li għandhom jaraw x'jista' jsir x'ħin jibda' jsir ix-xogħol.

59.2.9.2. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk il-culverts hux ser jinbidlu. Is-Sindku qal li bħalissa, l-ilma minflok imur lejn il-culvert, qed imur direzzjoni oħra u għalhekk huma kienu qalu li jsir ilqugħ biex jinġabar l-ilma li jiġi chanelled minn taħt it-triq għal ġol-gandott l-ieħor.

59.2.10. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja nru 58.2.1.1.2 rigward il-magna tal-BCRS u staqsiet jekk kienx hemm tweġiba. Is-SE wieġeb li hu kien informahom bil-proposta tal-Kunsill biss din il-materja qegħda fuq l-aġenda u għalhekk ser tiġi diskussa f'iktar dettall iktar tard.

**<u>Nota: 17:28 Il-Viċi Sindku AD attenda għal-laqgħa.</u>**

59.2.11. Il-Viċi Sindku AD staqsa jekk kienx hemm xi kameras fil-viċinanzi tal-magna tal-BCRS. Is-Sindku nforma li hemm kamera tal-Awtorità tal-Ippjanar però l-Kunsill kien issuġġerixxa lill-ERA sabiex dan il-post ikollu kameras tal-Kunsill. Is-Sindku nforma wkoll li l-magni għandhom il-kameras huma stess.

59.2.12. Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku AD jekk kellux informazzjoni dwar il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos. Il-Viċi Sindku nforma li hu kien mar f'workshop fejn jaħseb li qegħdin biss inzerta li kien magħluq minħabba l-festi. Għalhekk għandu jerġa' jmur fil-jiem li ġejjin. Huwa kompla billi qal l li jinsab informat li n-naħa ta' fuq tal-arbli qegħda fil-workshop filwaqt li l-arbli infushom qegħdin għand l-MTA.

## 59.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

59.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand kumpanija li nformat b'sistema li toffri biex in-nies jibbukkjaw għall-ġabra tal-iskart goff, li tammonta għal €2620. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa ma jipproċedix b'din is-sistema għal diversi raġunijiet imma primarjament għar-raġuni li l-ispiża hija waħda sostanzjali.

59.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-MHSR li nformaw b'attivitajiet li ser isiru fuq il-Fosos bejn l-4 u d-19 ta' Settembru 2023. Wara li ddiskuta, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-poster li joħroġ ikun jindika li l-attivitajiet ser isiru fil-Floriana.

59.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Works Department li nformaw li l-ispiża tal-materjal fir-rigward tat-toqob tal-arbli kienet ser tammonta għal €6144. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

59.3.3.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx miexi kollox sew rigward l-edizzjoni li jmiss tal-Festival tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Is-Sindku qal li kien talab konferma li kollox kien sew, biss s'issa għad ma kellux tweġiba.

59.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li nformaw b'polza għall-assigurazzjoni tal-flus, li tammonta għal €65. Il-Kunsill approva li jidħol f'din il-polza.

59.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra li offrew lill-Kunsill jixtri xi materjal li kienu xtraw huma, u li jkun jista' jintuża għall-armar tad-dawl fi Triq Sant'Anna. L-ispiża tammonta għal €392.64. Il-Kunsill qabel li għandu jixtri dan il-materjal u għalhekk laqa' l-offerta.

## 59.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

59.4.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li qed isir fi Triq San Tumas u qal li kien hemm tabella li ġiet mgħottija bl-iscaffolding li ntrama'.

59.4.1.1. Is-Sindku VB qal li tabella minnhom kienet anke ġiet mgħawwġa meta ntrama' l-iscaffolding.

59.4.1.2. Is-SE qal li meta tkellem mal-kuntrattur, hu kellu jaqla' t-tabelli u jwaħħalhom mal-iscaffolding sa ma jitlesta x-xogħol. Huwa qal li għandu jieħu ħsieb jerġa' jfakkar lill-kuntrattur sabiex dan isir.

59.4.1.3. Is-Sindku qal li kien ġie avviċinata minn persuna li talbet li ssir kaxxa safra quddiem il-bieb tas-Sagristija. Huwa qal li kien qed jassumi li din it-talba ġiet minħabba n-nuqqas t'aċċess li hemm preżentement, u qal li ma jistax ikun li jintilef spazju ieħor ta' parkeġġ. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jfakkar lill-kuntrattur tal-iscaffolding li għandu jitħalla l-aċċess neċessarju biex jgħaddu n-nies.

59.4.2. Is-Sindku għamel riferenza għall-iscaffolding li hemm fi Triq l-Iljun u qal li anke hemm hemm tabella mgħottija u konsegwenza t'hekk, kienu qed jidħlu l-vetturi minkejja li hemm no entry sign.

59.4.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk hux possibbli li titranġa l-bankina minn ħdejn il-BOV san-naħa tal-Ġnien Herbert Ganado. Il-Kunsill qabel li għandu jiġbed l-attenzjoni ta' min hu responsabbli sabiex din titranġa u jsir paviment xieraq.

59.4.3.1. Is-Sindku qal li mhuwiex kuntent bil-fatt li qed jipparkjaw il-vetturi mar-roundabout. Is-SE qal li anke l-Pulizija kienu oġġezzjonaw fuq din il-materja u kienu tkellmu ma' Transport Malta.

59.4.4. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk hux possibbli li ssir sleeping policeman fi Triq il-Kapuċċini kantuniera ma' Triq Pietro Floriani. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jressaq din il-proposta.

59.4.5. Il-Kunsilliera SSH staqsiet dwar l-isleeping policeman fi Triq San Franġisk. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li ssir waħda ħdejn Agius Printing.

59.4.6. Il-Kunsilliera SSH talbet li tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-iskart biex jitbattlu l-bins li hemm fuq il-Fosos. Is-SE qal li peress li kien inbidel il-kuntrattur, għandu jinformah b'dan.

59.4.6.1. Il-Kunsilliera SSH informat li maġenb it-tieni bin hemm bollard li hemm bżonn li titneħħa. Is-SE nforma li għandu jibgħat lill-ħaddiema manwali jew lill-kuntrattur tal-ġbir ta' skart goff sabiex tinġabar.

59.4.7. Il-Viċi Sindku AD għamel riferenza għal tabella li twaħħlet int u nieżel Triq il-Fosos u qal li din it-tabella kellha tiġi no entry peress li t-triq se tkun magħluqa minn żewġ naħat.

## 59.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

59.5.1. Il-Viċi Sindku AD informa bil-laqgħa li kellu u nforma li kienu ser isiru xi alternazzjonijiet lill-bini minn fejn jitlaq il-catamaran preżentement. Huwa qal li l-maġġoranza tal-bord ma kienx qabel fuq id-disinn tal-faċċata propost. Il-Viċi Sindku qal li għandhom ikomplu jsiru l-laqgħat u ser jinformahom bl-iżviluppi.

## 59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

59.6.1. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 44/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

59.6.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

59.6.1.2. Is-SE informa lill-Kunsill li l-kuntrattur tal-lift kien talab li jingħata depożitu ta' 50% li jinqasmu 25% mal-ordni tax-xogħol u 25% meta jasal il-materjal, biex hekk nevitaw aktar dewmien fil-progress tal-proġett u eventwalment li jintilfu fondi minħabba d-dewmien. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jsir ftehim biex dan id-depożitu jintradd lura appena l-kuntrattur jirċievi l-ħlas tiegħu mingħand l-iskema ta' Grants min-Norveġja. Il-ftehim għandu jinkludi wkoll iż-żmien sa meta l-kuntrattur irid jirrifondi lura s-somma lill-Kunsill.

59.6.2. Is-Sindku VB ippreżenta l-iskeda tal-petty cash li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

59.6.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku AD u issekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 59.7 Il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali

59.7.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi nforma lill-Kunsill li b'effett mill-1 ta' Jannar kien beda' l-kuntratt il-ġdid tal-ġbir ta' skart fuq bażi reġjonali. Huwa qal li kien hemm xi intoppi b'mod partikolari boroż li jinħarġu fi ġranet ħżiena minħabba li ċertu residenti kienu għadhom ma drawx il-ġranet-il ġodda ta' meta għandhom jinħarġu l-boroż.

59.7.2. Is-Sindku qal li min ikollu l-ħrieqi jew irabbi l-annimali għandu problema minħabba li tneħħiet waħda mil-kollezzjonijiet tal-borża s-sewda. Huwa qal li għandu jitkellem sabiex jara x'jista' jsir dwar dan anke fid-dawl li l-lokalità għandha ħafna residenti anzjani.

59.7.3. Is-Sindku qal li l-ġimgħa ta' wara għandha tinżamm laqgħa mal-ERA sabiex jibda' jkun hemm iktar infurzar. Huwa qal li jinsab infurmat li għall-bidu se jibdew jinħarġu warnings u mbagħad eventwalment jibdew jinħarġu kontravenzjonijiet.

## 59.8 Sitwazzjoni tal-magni mill-iskema BCRS

59.8.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi rrefera għall-magna tal-BCRS li ġiet installata fil-lokalità.

59.8.2. Il-Kunsilliera JAE staqsa fuq x'għajnuna qed jirċievi l-Kunsill biex jitnaqqas l-iskart minn madwar il-magna. Huwa qal li l-Kunsill jinsab idejh marbuta dwar din is-sitwazzjoni.

59.8.3. Is-SE qal li jinsab infurmat li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jibda' jsir it-tindif madwar il-magni.

59.8.4. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jistenna u jara x'se jiġri qabel ma jipproponi li ssir magna oħra fil-lokalità.

59.8.5. Il-Kunsillier JAE staqsa kemm tiswa lill-Kunsill sabiex inaddaf. Is-SE qal li wieħed irid joqgħod attent kemm minħabba l-abbużi u anke minħabba riperkussjonijiet legali relatati mal-kuntratt eżistenti.

## 59.9 Festa Liturġika ta' San Publju

59.9.1. Is-Sindku nforma li r-riċeviment li jsir ta' kull sena se jsir nhar il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023. Huwa qal li ser jingħata rikonoxximent lill-eks Sindku, l-Onor. Davina Sammut Hili, għas-servizz tagħha matul dawn l-aħħar għaxar snin.

59.9.2. Is-SE nforma li l-inviti kienu bdew jintbagħtu u jinsab informat li kien hemm min diġà rċevihom.

## 59.10 Approvazzjoni tal-Performance Appraisals tas-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff tal-Kunsill

59.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ddiskuta l-prestazzjoni tas-SE u tal-istaff amministrattiv.

59.10.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fuq il-persentaġġi li għandhom jingħataw lis-SE u lill-istaff amministrattiv, u għalhekk ġew approvati l-performance bonuses.

## 59.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

59.11.1. Il-laqgħa intemmet fis-6.55pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 13 ta' Frar 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum It-Tnejn 13 ta' Jannar 2023**

(iffirmati)
Vincent Borg
Sindku

(iffirmati)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv